Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2546

22.12.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2546

tal-10 ta' Diċembru 2025

dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji għall-verifika tal-emissjonijiet integrati ddikjarati skont ir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2023/956 jistabbilixxi l-prinċipji għall-verifika tal-emissjonijiet, fejn jiġu ddeterminati abbażi tal-valuri reali, integrati f'oġġetti importati fit-territorju doganali tal-Unjoni mill-2026 'il quddiem.

(2) Sabiex jiġu żgurati, fejn possibbli, l-ekwivalenza u l-koerenza mal-proċeduri applikabbli għas-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (EU ETS, EU Emissions Trading System) u stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 ([2]), filwaqt li jitqiesu wkoll l-ispeċifiċitajiet tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM, Carbon Border Adjustment Mechanism) u jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv, jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni xierqa lir-regoli rilevanti applikabbli skont l-EU ETS. Minħabba l-ispeċifiċitajiet tas-CBAM, jenħtieġ li d-deċiżjoni tal-verifikatur li jissostitwixxi ż-żjara fiżika fuq il-post bi żjara virtwali tal-post jew li juża d-deroga miż-żjara fuq il-post ma tkunx soġġetta għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti.

(3) F'konformità mar-Regolament (UE) 2023/956, bħala parti mill-verifika, il-verifikaturi għandhom iwettqu żjara fiżika fuq il-post tal-installazzjoni fejn jiġu prodotti l-oġġetti rilevanti. Fl-ewwel sena soġġetta għal verifika, jenħtieġ li fil-każijiet kollha tkun meħtieġa żjara fiżika fuq il-post tal-installazzjoni. Fit-tieni sena konsekuttiva soġġetta għal verifika, sabiex jitnaqqsu l-kost u l-piż amministrattiv assoċjati ma' żjara fuq il-post, il-verifikatur jista' jissostitwixxi ż-żjara fiżika fuq il-post bi żjara virtwali tal-post jew juża d-deroga miż-żjara fuq il-post meta jiġu ssodisfati kriterji speċifiċi, filwaqt li jiżgura li l-affidabbiltà tal-verifika ma tkunx kompromessa. Il-verifikatur jista' jiddeċiedi li jagħmel dan jekk il-verifikatur ikun wettaq żjara fiżika fuq il-post matul is-sena ta' qabel. Iż-żjarat fiżiċi fuq il-post jenħtieġ li jsiru mill-inqas kull sentejn. Għal installazzjonijiet li minnhom jiġi importat l-elettriku fit-territorju doganali tal-Unjoni jew li jintużaw fil-produzzjoni tal-oġġetti, jenħtieġ li tingħata flessibbiltà addizzjonali għas-sostituzzjoni taż-żjara fiżika fuq il-post bi żjara virtwali tal-post minħabba l-kumplessità mnaqqsa ta' verifika bħal din.

(4) Il-verifikatur jista' jissostitwixxi wkoll iż-żjara fiżika fuq il-post bi żjara virtwali tal-post, meta l-verifikatur ma jkunx jista' jwettaq żjara fiżika fuq il-post minħabba ċirkostanzi serji, straordinarji u imprevedibbli. Jekk il-kundizzjonijiet applikabbli ma jiġux issodisfati, jenħtieġ li ma jkunx possibbli li titwettaq il-verifika tal-installazzjoni.

(5) L-analiżi tas-suxxettibbiltà tad-data rrapportata għal dikjarazzjonijiet skorretti u għal nonkonformitajiet li jistgħu jkunu materjali hija parti essenzjali mill-proċess ta' verifika. Jenħtieġ li l-verifikatur japplika approċċ ibbażat fuq ir-riskju bl-għan li jasal għal opinjoni ta' verifika li tipprovdi aċċertament raġonevoli li l-emissjonijiet totali ma jkunux iddikjarati b'mod materjalment skorrett u li r-rapport jista' jiġi vverifikat bħala sodisfaċenti.

(6) Għat-tħejjija għall-verifika tar-rapport tal-operatur dwar l-emissjonijiet u sabiex tiġi sostnuta l-valutazzjoni tal-verifikatur dwar jekk dikjarazzjoni skorretta, nonkonformità jew nuqqas ta' konformità għandux impatt materjali fuq id-data dwar l-emissjonijiet jew fuq l-aġġustament tal-allokazzjoni bla ħlas, jenħtieġ li jiġu ddeterminati livelli limitu ta' materjalità xierqa, filwaqt li jitqies il-bilanċ bejn il-kumplessità u n-novità tal-kompiti ta' verifika tas-CBAM u l-akkuratezza tal-kalkolu. Minħabba n-natura speċifika tas-CBAM, jenħtieġ li dawk il-livelli limitu jiġu ddeterminati fil-livell tal-oġġetti. Il-livelli ta' materjalità jistgħu jiġu riveduti maż-żmien, filwaqt li titqies l-esperjenza prattika miksuba matul l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 130, 16.5.2023, p. 52, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/956/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-verifika tad-data u l-akkreditament tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 94, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/2067/oj).

(7) Sabiex jiġu ffaċilitati t-tħejjija, is-sottomissjoni, il-leġġibbiltà u r-rieżami tar-rapporti ta' verifika, jenħtieġ li jintuża mudell elettroniku uniku li għandu jiġi żviluppat mill-Kummissjoni. Jenħtieġ li r-rapport ta' verifika jkun fih l-informazzjoni neċessarja għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni tas-CBAM skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2023/956 u għar-rieżami tiegħu skont l-Artikolu 19(2) ta' dak ir-Regolament.

(8) Meta d-data personali tiġi pproċessata fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u, fejn rilevanti, ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(9) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma relatati mal-prinċipji ta' verifika li għandhom jiġu applikati mill-verifikaturi li jwettqu attivitajiet fir-rigward tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rilaxxati mill-1 ta' Jannar 2026. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2026.

(10) B'mod parallel mal-konsultazzjonijiet tekniċi mal-Istati Membri, inkluż fil-livell tal-esperti, il-Kummissjoni Ewropea wettqet konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi r-rappreżentanti tal-industrija, biex tiġbor kontribut fit-tħejjija tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(11) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Novembru 2025.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tas-CBAM,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/2551 ([5]) u l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2547 ([6]), japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "dikjarazzjoni skorretta" tfisser ommissjoni, dikjarazzjoni falza jew żball fid-data rrapportata tal-operatur, mingħajr ma titqies l-inċertezza assoċjata ma' strumenti tal-kejl jew mal-analiżijiet tal-laboratorju;

(2) "dikjarazzjoni skorretta materjali" tfisser dikjarazzjoni skorretta li, jew individwalment jew meta tiġi aggregata ma' dikjarazzjonijiet skorretti oħra, taqbeż il-livell ta' materjalità jew tista', abbażi tal-ġudizzju espert tal-verifikatur, minħabba d-daqs u n-natura tagħha, għandha impatt fuq l-emissjonijiet totali rrapportati jew informazzjoni rilevanti oħra;

([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/2551 tal-20 ta' Novembru 2025 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' akkreditament lill-verifikaturi, għall-kontroll u għas-sorveljanza ta' verifikaturi akkreditati, għall-irtirar tal-akkreditament u għar-rikonoxximent reċiproku u għall-evalwazzjoni bejn il-pari tal-korpi tal-akkreditament (ĠU L, 2025/2551, 22.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/2551/oj).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2547 tal-10 ta' Diċembru 2025 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-metodi għall-kalkolu tal-emissjonijiet integrati fl-oġġetti (ĠU L, 2025/2547, 22.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2547/oj)..

(3) "livell ta' materjalità" tfisser il-livell limitu kwantitattiv jew il-punt ta' limitu li, jekk jinqabeż, il-verifikatur iqis li d-dikjarazzjonijiet skorretti, jew individwalment jew meta aggregati ma' dikjarazzjonijiet skorretti oħra, ikunu materjali;

(4) "nonkonformità" tfisser kwalunkwe att jew ommissjoni ta' att mill-operatur li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-pjan ta' monitoraġġ jew tal-metodoloġija ta' monitoraġġ applikabbli għall-installazzjoni speċifika, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2547;

(5) "nonkonformità materjali" tfisser nonkonformità li tikkawża dikjarazzjoni skorretta materjali.

Artikolu 2

Żjarat fiżiċi fuq il-post u sostituzzjoni bi żjarat virtwali tal-post jew użu tad-deroga

1. Il-verifikatur jista' jissostitwixxi żjara fiżika fuq il-post imsemmija fit-Taqsima 2.12 tal-Anness II tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/2551 bi żjara virtwali tal-post meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 jew 4.

2. Il-verifikatur jista' juża d-deroga mill-obbligu li jwettaq żjara fiżika fuq il-post imsemmi fit-Taqsima 2.12 tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2025/2551 meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3.

3. Il-verifikatur għandu jinforma mingħajr dewmien lill-operatur bid-deċiżjoni tiegħu li jissostitwixxi ż-żjara fiżika fuq il-post bi żjara virtwali tal-post jew li juża d-deroga mill-obbligu li jwettaq żjara fiżika fuq il-post.

Artikolu 3

Kundizzjonijiet għal żjara virtwali tal-post jew eżenzjoni mill-obbligu li titwettaq żjara fiżika fuq il-post

1. Il-verifikatur jista' jiddeċiedi li jwettaq żjara virtwali tal-post jew li juża d-deroga mit-twettiq ta' żjara fiżika fuq il-post dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-verifikatur ikun wettaq żjara fiżika fuq il-post matul il-perjodu ta' rapportar li jippreċedi immedjatament il-perjodu ta' rapportar kurrenti;

(b) fil-każ ta' eżenzjoni mill-obbligu li titwettaq żjara fiżika fuq il-post, verifikatur ikun wettaq żjara fiżika fuq il-post matul żewġ perjodi ta' rapportar qabel il-perjodu ta' rapportar attwali;

(c) il-verifikatur ikollu fehim suffiċjenti tal-funzjonament tal-installazzjoni, tal-proċessi tal-produzzjoni u tas-sistemi ta' monitoraġġ u ta' rapportar, inkluża s-sistema ta' kontroll tal-operatur;

(d) il-verifikatur iqis li n-natura u l-livell ta' kumplessità tas-sistema ta' monitoraġġ u ta' rapportar tal-installazzjoni kif ukoll ir-riskji inerenti u ta' kontroll ikunu tali li ma jeħtiġux żjara fiżika fuq il-post;

(e) il-verifikatur ikun jista' jikseb u jivvaluta mill-bogħod l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-verifika, inkluż dwar l-applikazzjoni korretta tal-metodoloġija deskritta fil-pjan ta' monitoraġġ, id-data rrapportata fir-rapport tal-operatur dwar l-emissjonijiet, il-proċessi tal-produzzjoni u l-prekursuri użati;

(f) id-deċiżjoni li titwettaq żjara virtwali tal-post jew li titnuża d-deroga mit-twettiq ta' żjara fiżika fuq il-post tkun ibbażata fuq ir-riżultati tal-analiżi tar-riskju, u l-verifikatur ikun identifika u ħa l-miżuri neċessarji biex inaqqas ir-riskju ta' verifika għal livell aċċettabbli biex jikseb aċċertament raġonevoli li r-rapport tal-operatur dwar l-emissjonijiet ikun ħieles minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali u minn nonkonformitajiet;

(g) l-installazzjoni jew il-pjan ta' monitoraġġ tagħha ma tkun saritlu l-ebda bidla jew modifika sinifikanti sa mill-aħħar żjara fiżika fuq il-post, inkluża kwalunkwe waħda mill-bidliet sinifikanti li ġejjin:

(1) il-bidu ta' proċessi tal-produzzjoni ġodda jew ta' rotta tal-produzzjoni ġdida jew l-għeluq ta' proċessi tal-produzzjoni jew ta' rotta tal-produzzjoni;

(2) bidliet fil-proċess tal-produzzjoni konġunta ta' prekursuri u ta' oġġetti kumplessi, kif definiti fl-Artikolu 4(9) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2547 dwar il-kalkolu tal-emissjonijiet integrati;

(3) bidliet fil-provvista tal-enerġija tal-installazzjoni;

(4) bidliet fil-konnessjonijiet tekniċi bejn il-proċessi tal-produzzjoni jew ir-rotot tal-produzzjoni, bħal linji addizzjonali jew imneħħija għat-trasferiment ta' fjuwils, ta' materjali, ta' sħana li titkejjel, ta' gassijiet taċ-ċumnija jew ta' oġġetti prodotti;

(5) fejn jintużaw il-valuri reali, bidliet relatati ma' prekursuri prodotti fl-installazzjoni jew riċevuti minn installazzjonijiet oħra;

(6) bidla fil-metodoloġija ta' monitoraġġ (ibbażata fuq il-kalkolu, ibbażata fuq il-kejl, oħra);

(7) bidliet li l-verifikatur identifika matul l-analiżi strateġika jew l-analiżi tar-riskju bħala li jeħtieġu approċċi ta' verifika differenti b'mod sinifikanti minn dawk applikati matul il-verifika preċedenti, bħaż-żieda ta' fjuwils jew ta' materjali ġodda, jew iż-żieda ta' strumenti tal-kejl ġodda.

2. Il-verifikatur jista' juża d-deroga mill-obbligu li jwettaq żjara fiżika fuq il-post tal-installazzjoni fejn jiġi prodott l-elettriku, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin kollha:

(a) l-elettriku jkun l-uniku oġġett kopert mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/956 prodott mill-installazzjoni;

(b) l-installazzjoni ma tuża l-ebda materjal, fjuwil, jew proċess ta' produzzjoni bil-potenzjal li tarmi gassijiet serra matul it-tħaddim normali. L-installazzjonijiet li ġejjin ma għandhomx jitqiesu bħala konformi ma' dan il-kriterju:

(1) installazzjonijiet li jużaw il-bijomassa kif definit fit-Taqsima 1, il-punt 9, tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2547;

(2) installazzjonijiet li jwettqu l-qbid tal-karbonju, inkluż għall-fini ta' ħżin ġeoloġiku jew għall-użu tal-GHG fil-produzzjoni ta' fjuwils jew materjali oħra;

(3) installazzjonijiet li jittrasferixxu gassijiet serra lejn installazzjonijiet, pipelines jew infrastrutturi tat-trasport tas-CO2 oħrajn kif definit fl-Artikolu 3(29) tar-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]).

(c) il-verifikatur ikun wettaq mill-inqas żjara fiżika waħda fuq il-post fl-aħħar ħames perjodi ta' rapportar li jippreċedu immedjatament il-perjodu ta' rapportar kurrenti;

(d) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punti (c) sa (f).

Artikolu 4

Kundizzjonijiet għal żjara virtwali tal-post minħabba ċirkostanzi serji, straordinarji u imprevedibbli

Il-verifikatur jista' jiddeċiedi li jwettaq żjara virtwali tal-post dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-verifikatur ma jkunx jista' jwettaq żjara fiżika fuq il-post minħabba ċirkostanzi serji, straordinarji u imprevedibbli barra mill-kontroll tal-operatur, u dawk iċ-ċirkostanzi ma jkunux jistgħu jingħelbu bi kwalunkwe sforz raġonevoli;

(b) id-deċiżjoni tal-verifikatur li jwettaq żjara virtwali tal-post tkun ibbażata fuq ir-riżultati tal-analiżi tar-riskju;

(c) il-verifikatur ikun identifika u ħa l-miżuri neċessarji biex inaqqas ir-riskju ta' verifika għal livell aċċettabbli biex jikseb aċċertament raġonevoli li r-rapport tal-operatur dwar l-emissjonijiet ikun ħieles minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

([7]) Ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (ĠU L, 2024/1735, 28.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1735/oj).

Artikolu 5

Livelli ta' materjalità u parametri oħra

1. Meta jivvaluta d-dikjarazzjonijiet skorretti dwar id-data rrapportata fil-perjodu ta' rapportar soġġett għall-verifika, il-verifikatur għandu, għal kull tunnellata tal-oġġett rilevanti, identifikat mill-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) tiegħu, japplika l-livelli ta' materjalità li ġejjin:

(a) 5 % tal-emissjonijiet integrati speċifiċi totali;

(b) 5 % tal-allokazzjoni bla ħlas integrata speċifika totali.

2. Il-verifikatur għandu juża wkoll il-ġudizzju espert dwar jekk id-dikjarazzjonijiet skorretti jew in-nonkonformitajiet, individwalment jew meta jiġu aggregati ma' dikjarazzjonijiet skorretti jew ma' nonkonformitajiet oħra, iġġustifikati mid-daqs u min-natura tagħhom, għandhomx jitqiesu materjali, għal:

(a) dikjarazzjonijiet skorretti, individwalment jew meta jiġu aggregati ma' dikjarazzjonijiet skorretti oħra, li jkunu taħt il-livell ta' materjalità skont il-paragrafu 1;

(b) parametri li ma humiex imsemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 6

Format tar-rapport ta' verifika

Ir-rapport ta' verifika għandu jitħejja abbażi ta' mudell elettroniku pprovdut mill-Kummissjoni permezz tar-Reġistru tas-CBAM.

Il-mudell elettroniku għandu jkun fih mill-inqas l-informazzjoni elenkata fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Mudell tar-rapport ta' verifika

1. DATA TA' IDENTIFIKAZZJONI ĠENERALI

1.1. **Identifikazzjoni tal-operatur u tal-installazzjoni**

(a) l-isem tal-operatur;

(b) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-korporazzjoni jew tal-attività tal-operatur;

(c) l-indirizz sħiħ bl-Ingliż;

(d) l-installazzjoni taħt verifika, identifikata mid-data li ġejja:

(1) l-isem tal-installazzjoni;

(2) l-identifikatur uniku tal-installazzjoni fir-Reġistru tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM, Carbon Border Adjustment Mechanism);

(3) il-Kodiċi tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Postijiet tal-Kummerċ u tat-Trasport (UN/LOCODE, United Nations Code for Trade and Transport Locations) applikabbli tal-post;

(4) l-indirizz sħiħ bl-Ingliż u l-koordinati ġeografiċi tal-installazzjoni, espressi f'lonġitudni u latitudni, inklużi sitt deċimali.

1.2. **Identifikazzjoni tar-rapport ta' verifika**

(a) l-identifikatur uniku tar-rapport ta' verifika;

(b) il-perjodu ta' rapportar applikabbli.

1.3. Identifikazzjoni tal-verifikatur

(a) l-isem tal-verifikatur;

(b) l-indirizz fejn huwa stabbilit il-verifikatur;

(c) fejn il-verifikatur esternalizza l-attivitajiet ta' verifika, l-indirizz(i) tal-uffiċċju/i tat-tim ta' verifika;

(d) in-numru ta' akkreditazzjoni tal-verifikatur;

(e) l-isem tal-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni;

(f) il-pajjiż ta' stabbiliment tal-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni;

(g) id-data ta' skadenza tal-akkreditazzjoni;

(h) kwalunkwe ambitu tal-akkreditazzjoni rilevanti għas-CBAM.

2. INFORMAZZJONI DWAR IL-VERIFIKA

2.1. **Tim ta' verifika**

(a) l-isem tal-kap tat-tim ta' verifika;

(b) l-isem tal-awditur ewlieni tas-CBAM u tal-awdituri u l-esperti tekniċi kollha tas-CBAM li huma membri tat-tim ta' verifika;

(c) jekk applikabbli, l-isem tal-awditur ewlieni tas-CBAM, tal-awdituri tas-CBAM u tal-esperti tekniċi li jwettqu ż-żjara fiżika fuq il-post jew virtwali tal-post.

2.2. **Dettalji dwar żjarat fiżiċi u virtwali tal-post**

(a) jekk applikabbli, id-data taż-żjarat fiżiċi fuq il-post u l-għadd ta' jiem fuq il-post;

(b) id-data tal-aħħar żjara fiżika fuq il-post;

(c) jekk applikabbli, id-data u l-ispjegazzjoni dettaljata tar-raġunijiet għat-twettiq ta' żjara virtwali tal-post;

(d) jekk applikabbli, l-ispjegazzjoni dettaljata tar-raġunijiet għall-użu tad-deroga mit-twettiq ta' żjara fiżika fuq il-post;

(e) jekk applikabbli, id-data u l-post ta' żjarat oħra relatati mal-verifika.

2.3. **Bażi tax-xogħol ta' verifika**

(a) l-objettivi tal-verifika;

(b) l-ambitu tal-verifika;

(c) l-ambitu tal-akkreditazzjoni meħtieġa biex titwettaq il-verifika;

(d) id-data u n-numru tal-verżjoni tal-pjan ta' monitoraġġ użat għall-verifika;

(e) il-kriterji użati għall-verifika tar-rapport tal-operatur;

(f) il-livelli ta' materjalità applikati.

2.4. **Installazzjoni u verifika tad-data**

(a) is-sommarju tal-pjan ta' monitoraġġ tal-installazzjoni, li jkun jinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(1) il-lista tal-proċessi u tar-rotot tal-produzzjoni tas-CBAM kollha mwettqa fl-installazzjoni;

(2) l-informazzjoni dwar kif ġew ikkalkolati l-emissjonijiet diretti u indiretti attribwiti ta' kull proċess ta' produzzjoni;

(3) jekk jintużax kwalunkwe fjuwil bi klassifikazzjoni żero, u kif l-operatur juri l-applikabbiltà ta' klassifikazzjoni żero tal-fjuwils;

(4) jekk is-sħana li titkejjel tiġix importata minn jew esportata lejn installazzjonijiet oħra;

(5) jekk il-gassijiet ta' skart humiex prodotti u użati fl-installazzjoni, jew importati minn jew esportati lejn installazzjonijiet oħra;

(6) jekk jintużax il-qbid ta' CO_2;

(b) il-kompilazzjoni tad-data verifikata, li tikkonsisti minn dan li ġej:

(1) l-emissjonijiet diretti totali tal-installazzjoni matul il-perjodu ta' rapportar;

(2) jekk l-installazzjoni tipproduċi oġġetti li ma humiex elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2023/956:

(a) l-emissjonijiet indiretti tal-installazzjoni matul il-perjodu ta' rapportar;

(b) il-metodu għad-determinazzjoni tal-fattur ta' emissjoni indiretta speċifika u s-sors ta' informazzjoni użat;

(c) l-emissjonijiet indiretti speċifiċi integrati ta' kull oġġett prodott;

(3) il-kwantitajiet ta' kull oġġett imkejjel fl-unità funzjonali għal kull kodiċi NM;

(4) l-emissjonijiet diretti speċifiċi integrati ta' kull oġġett prodott;

(5) jekk applikabbli, għall-elettriku importat fit-territorju doganali tal-Unjoni:

(a) konferma li, għal kull dikjarant tas-CBAM awtorizzat li għalih l-operatur ipprovda *addendum* speċifiku għad-dikjarant għar-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur u għall-kwantità ta' elettriku msemmija fih, il-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 5 tal-Anness IV għar-Regolament (UE) 2023/956 huma ssodisfati;

(b) is-sommarju tal-elementi ta' evidenza li jikkonfermaw kull wieħed mill-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 5 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2023/956 huwa sodisfatt;

(6) għal oġġetti li ma humiex elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2023/956:

(a) għal emissjonijiet indiretti, fejn l-elettriku jiġi prodott ġewwa l-installazzjoni, jekk l-elettriku huwiex:

— prodott permezz tal-koġenerazzjoni;

— prodott permezz ta' ġenerazzjoni separata;

— prodott minn sorsi fossili jew rinnovabbli;

— esportat mil-limiti tas-sistema ta' proċess ta' produzzjoni;

(b) is-sehem tal-emissjonijiet indiretti integrati ddeterminati abbażi tal-valur attwali f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2547

(c) is-sehem tal-emissjonijiet indiretti ddeterminat abbażi ta' valuri prestabbiliti;

(d) għas-sehem tal-emissjonijiet indiretti ddeterminat abbażi tal-valuri reali, konferma li l-kriterji għall-użu tal-valuri reali stabbiliti fil-punt 6 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2023/956 huma ssodisfati;

(e) l-emissjonijiet indiretti speċifiċi integrati kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2547;

(7) l-allokazzjoni bla ħlas speċifika integrata ta' kull oġġett prodott;

(8) konferma tal-użu tal-parametri referenzjarji tas-CBAM applikabbli u l-metodi użati għad-determinazzjoni tal-allokazzjoni bla ħlas speċifika integrata.

2.5. **Verifika tad-data tal-prekursuri**

(a) data dwar kull tip ta' prekursur li ntuża mill-installazzjoni, u li għalih intużaw valuri prestabbiliti, eskluż prekursuri prodotti fil-proċess tal-produzzjoni f'konformità mal-Artikolu 4(9) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2547:

(1) Kodiċi NM;

(2) l-isem tal-oġġett;

(3) il-pajjiż tal-oriġini, fejn ikun magħruf, u fejn il-prekursur ikun ġie prodott barra mill-installazzjoni;

(4) il-valur prestabbilit applikabbli.

(b) data dwar kull tip ta' prekursur li ntuża mill-installazzjoni, u li għalih intużaw valuri attwali, eskluż prekursuri prodotti fil-proċess tal-produzzjoni f'konformità mal-Artikolu 4(9) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2547:

(1) Kodiċi NM;

(2) l-isem tal-oġġett;

(3) il-pajjiż tal-oriġini;

(4) il-perjodu ta' rapportar, u indikazzjoni ta' jekk ġiex iddeterminat bl-użu tal-perjodu ta' rapportar prestabbilit jew il-ħin reali tal-produzzjoni;

(5) l-emissjonijiet speċifiċi integrati (diretti u, jekk applikabbli, indiretti);

(6) l-informazzjoni dwar l-operatur u fuq l-installazzjoni tal-oriġini tal-prekursur:

(a) l-isem tal-operatur;

(b) l-isem tal-installazzjoni;

(c) l-identifikatur uniku tal-installazzjoni fir-Reġistru tas-CBAM, jekk disponibbli;

(d) il-perjodu ta' rapportar applikabbli;

(7) l-informazzjoni dwar il-verifikatur li vverifika l-valuri reali tal-prekursur:

(a) l-isem tal-verifikatur;

(b) l-indirizz fejn huwa stabbilit il-verifikatur;

(c) fejn il-verifikatur esternalizza l-attivitajiet ta' verifika, l-indirizz(i) tal-uffiċċju/i minn fejn kienu esternalizzati xi attivitajiet ta' verifika;

(d) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-awditur ewlieni tas-CBAM;

(e) in-numru ta' akkreditazzjoni tal-verifikatur;

(f) l-isem tal-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni;

(g) il-pajjiż ta' stabbiliment tal-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni;

(h) id-data ta' skadenza tal-akkreditazzjoni;

(i) l-ambitu tal-akkreditazzjoni meħtieġa biex titwettaq il-verifika;

(j) jekk id-dikjarazzjoni tal-verifikatur tikkonkludix b'assigurazzjoni raġonevoli li r-rapport huwa ħieles minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali u minn nonkonformitajiet materjali;

(k) id-data tal-ħruġ tad-dikjarazzjoni ta' verifika;

(c) fejn installazzjoni, li tipproduċi oġġetti kumplessi, jirċievi minn installazzjoni oħra, prekursur taħt kodiċi NM partikolari prodott waqt perjodi ta' rapportar different, l-emissjonijiet speċifiċi integrati (diretti u, jekk applikabbli, indiretti) li għandhom jintużaw għal dak il-prekursur f'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2547.

(d) fejn il-proċess tal-produzzjoni ta' oġġett kumpless juża tip ta' prekursur li jinkiseb minn installazzjonijiet multipli, l-emissjonijiet speċifiċi integrati (diretti u, jekk applikabbli, indiretti) li għandhom jintużaw għal dak il-prekursur, ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2547.

2.6. **Dikjarazzjoni ta' verifika**

(a) id-dikjarazzjoni tal-verifikatur li tindika jekk jikkonkludix b'assigurazzjoni raġonevoli li r-rapport huwa ħieles minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali u minn nonkonformitajiet materjali;

(b) l-informazzjoni dwar dikjarazzjonijiet skorretti materjali misjuba u kkoreġuti;

(c) l-informazzjoni dwar nonkonformitajiet materjali misjuba u kkoreġuti;

(d) l-informazzjoni dwar id-dikjarazzjonijiet skorretti li jifdal li ma ġewx ikkoreġuti qabel il-ħruġ tar-rapport ta' verifika u jekk humiex materjali;

(e) l-informazzjoni dwar in-nonkonformitajiet li jifdal li ma ġewx ikkoreġuti qabel il-ħruġ tar-rapport ta' verifika u jekk humiex materjali;

(f) l-informazzjoni dwar in-nonkonformitajiet li jifdal li ma ġewx ikkoreġuti qabel il-ħruġ tar-rapport ta' verifika u jekk humiex materjali;

(g) ir-rakkomandazzjonijiet għal titjib, jekk applikabbli;

(h) id-data u l-firma ta' persuna awtorizzata f'isem il-verifikatur, inkluż ismu/isimha.

3. ANNESS: IS-SOMMARJU TAR-RAPPORT DWAR L-EMISSJONIJIET TAL-OPERATUR SKONT L-ANNESS IV TAR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI (UE) 2025/2547

4. *ADDENDUM* SPEĊIFIKU GĦAD-DIKJARANT TAR-RAPPORT DWAR L-EMISSJONIJIET TAL-OPERATUR GĦALL-ELETTRIKU IMPORTAT FIT-TERRITORJU DOGANALI TAL-UNJONI